**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 1051 / 2014**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**David John Calleja**

**<u>Illum 26 ta' Settembru 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, David John Calleja detenur tal-karta tal-identita Maltija **29484G**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-25 ta' Ottubru 2014 għall-ħabta ta' 16:30hrs u fis-siegħat ta' wara, ġewwa Tas-Sliema:

1. Ingurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u da bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Aktar talli l-istess data, lok, hin u ċirkostanzi; attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nnkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed

jagixxu għal-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill- awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta.

3. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi; mingħajr il-ħsieb li joqtol jew jqiegħed il-ħajja ta' PC 840 Roderick Joseph Psaila f'periklu ċar ikkaġuna hsara fil-ġisem jew fis-sahha ta' PC 840 Roderick Joseph Psaila, liema ħsara hija ta' natura hafifa, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Kyle Flores Martin, u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi, hebb kontra diversi uffiċjali tal- Pulizija, sabiex tingujah, idejjaqhom jew tagħmlilhom ħsara.

5. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 388 (dd) tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew għajjat jew b'xi mod ieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi: ma obdiex l-ordinijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi, bezq xi sustanza jew nehha mahta mill-imnieher, jew halla jew iddepozita exkreta materjali tal-bniedem, inkluż vomtu jew halla jew iddepozita xi exkreta materjali ta' l-annimali fuq jew għal fuq xi triq jew xi post pubbliku, bahar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, u/jew dan id-depożitu jew thollija ma kienx

awtorizzat b'liġi u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)() tal-Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta;

10. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi volontarjament qal kliem oxen kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħsieb, waddab jew xehghet ilma jew hwejjeġ oħra mahlula jew ħmiġijiet fuq il-persuna ta' PC 840u PC 729 u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)() tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi volontarjament hassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobli, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgha u sittin ċenteżmu (1,164.69) għad-detriment tal-Gvern ta' Malta u jew ta' persuni jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. Aktar Talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla Honda Civic bin-numru ta' reġistrazzjoni JAZ444, bi traskuraġni u/jew b'mod perikoluż u bla kont u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) (2) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

14. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi rrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun ta' nifs tieghu wara li kien avzat li dak in-nuqqas jew rifjut kien reat ***u dan bi ksur tal-Artikolu 15(e) 4 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;***

15. Aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi saq vettura jew pprova ssuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura ta' ghamla Honda Civic bi numru ta' registrazzjoni JAZ444 fi triq f'post pubbliku iehor meta ma kienx

f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi ***u dan bi ksur tal-Artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;***

16. Aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura u naqas li jzomm ma' naha ta' xellug ta' triq jew naqas li jaghmel sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni ***u dan bi ksur tal-Artikolu 74 tal-L.S 65.11;***

17. Aktar talli bejn 27 ta' Jannar 2012 u il-25 ta' Ottubru 2014 f'dawn il-gzejjer, naqas milli jirraporta lill-ufficjal awtorizzat minghajr dewmien, li xi wahda mill-partikolaritajiet li tinsab fil-karta ta' l-identita' tieghu u cioe l-indirizz tal-lok ewlieni ta' residenza fejn abitwalment jorqod kif preskritt f'Artikolu 5(2)(b) ta' Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta, ma baqatx aktar korretta u kif ukoll naqas li jaghti dak it taghrif kollu mehtieg ***u dan bi ksur ta' Artikolu 9 ta' l-Att Dwar il-Karta ta' l-identita, Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' April, 2023, fejn filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati l-imputazzjonijiet bin-numru tnejn, hamsa, sitta, tmienja, disgħa, ħdax, erbatax, ħmistax u sbatax, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 95, 96, 221(1), 222(1) ( dot c ) , 338(bb), 338(ee), 339(1)(e) u 325(1) ( dot c ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal- Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 75 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Avviż Legali 128 tal-1994), sabet lil DAVID JOHN CALLEJA ħati tal- ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-seba', l-għaxar, it-tnax, it-tlettax u s-sittax l- imputazzjonijiet u kkundanatu tmien (8) xhur priġunerija iżda bl- applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li din is-sentenza ma tidholx fis-seħħ hlief jekk fi żmien tmintax (18)-il xahar, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Ikkundanatu ukoll multa ta' hamest elef Euro (€5,000) liema multa għandha tiġi mħallsa fi żmien sitt (6) xhur.

Bl-applikazzjoni u għall-fini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-hati biex iħallas lill-Kummissarju tal-Pulizija s-somma ta' disgha u sittin

Euro u sebgħin centeżmu (€69.70), cioe' l-ammont li qed jiġi stabbilit bħala kumpens għall-ħsara soffert minnu bħala riżultat tat-twettiq tar- reat taħt l-Artikolu 325(1)(c) tal-istess Kapitolu 9, u dan fi żmien xahar mil-lum.

Ai termini tal-Artikoli 28A(4) u 28H(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il- Qorti spjegat lill-hati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija jew jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu mad-direttiva għall-ħlas tal-kumpens stabbilit.

Għall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundanatu lill- hati, DAVID JOHN CALLEJA, iħallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma totali ta' elf tmien mija u disgħa u sebghin Euro u tmienja u tmenin centeżmu (€1,879.88), rappreżentanti l-ispejjeż li tħallsu lill-esperti li ġew maħtura bħala periti fil-proċeduri u dan fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Għall-fini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda torbot lill-hati DAVID JOHN CALLEJA b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu sabiex iżomm il- paċi u ma jimmolestax lil PC 840 Roderick Joseph Psaila, WPS 215 Valerie Farrugia u PC 729 Kevin Decelis u dan taht penali ta' elfejn Euro (€2,000), għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.

Għall-fini tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat 1- iskwalifika tal-hati DAVID JOHN CALLEJA milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan għal żmien tmien (8) ijiem.

Rat l-**aggravji** tal-appellant David John Calleja li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1.) Illi fl-ewwel lok is-sentenza tal-ewwel Qorti hija nulla stante li qed jigi dikjarat li l-esponent qed jinstab hati tat-tieni imputazzjoni u fl-istess hin, qed jigi dikjarat ukoll li mhux qed jinstab hati tat-tieni imputazzjoni.

2.) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost is-sentenza tal-Ewwel Qorti tikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-esponent ghall-smiegh xieraq stante li l-Ewwel Qorti uzat l-istqarrija tieghu biex tiskreditah u dana minkejja illi din l-istqarrija saret minghajr mal-esponent kellu l-fakolta tal-assistenza legali.

3.) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ma setghax jinstab hati tar-reat kontravvenzjonali addebitat fl-ghaxar imputazzjoni. Dana qieghed jinghad, fl-ewwel lok, ghax il-kelma '*bitch*' ma tikkwalifikax bhala whada mill-kliem illi taqa taht dak li l-Aritikolu 338bb tal-Kap 9 qed jindirizza.

Fit-tieni lok, il-fatt li ntqal dan il-kliem u li gie indirizzat fil-konfront tal-unika Pulizija femminili li kienet presenti huwa wiehed mill-elementi tar-reat ravvisat fl-Artiklu 95 li tieghu l-esponent instab hati.

4.) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ma setghax jinstab hati tas-seba imputazzjoni u dana fid-dawl tal-istess dicitura tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9.

5.) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent ma setghax jinstab hati tar-raba imputazzjoni li tirriferi ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 u dana fid-dawl tal-istess dicitura tal-imsemmi Artikolu, kif ukoll peress li dan l-Artikolu ma kienx iccitat fl-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju.

6.) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel Qorti erronjament waslet ghall-konkluzzjoni ta'htija fuq l-imputazzjoni bin-numru 12 li kien jirriferi ghar-reat ta'hsara volontarja. Illi dana qed jinghad ghaliex, bid-dovut rispett minn imkien ma'jirrizulta l-estremi ta' dan ir-reat, inkluz l-element ta' xi telf patrimonjali konsegwenza ta'din l-allegata hsara. It-ticpis tad-demm mir-ritratti jirrizulta ukoll li huwa titjir ta' demm u ghalhekk huwa nieqes ukoll l-element tal-volontarjeta.

7.) Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti ma setghatx legalment u ragonevolment issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni stante

li kienu karenti l-elementi tal-istess u peress illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzamaent zbaljat tal-provi.

8.) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ma'setghax jinstab hati u jinghata piena ghat-tielet imputazzjoni u dana ghaliex, se mai, il-ferita saret konsegwenza tal-att tal-esponent biex ma jibghax jigi mrazzan bil-mod kif kien qed jigi mrazzan mill-Pulizija koncernat.

9.) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-piena fic-cirkostanzi, tenut kont tat-trapass taz-zmien li zgur ma kienx attribwibbli lill-esponent u tar-rapport mhejji, li bilkemm jissemma fis-sentenza appellata, kienet eccessiva.

U sussegwentement talab:

1) Fid-dawl tal-ewwel aggravju tiddikjara li hemm nuqqasijiet fis-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-24 ta' April 2023 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi li jirrendu l-istess proceduri u konsegwenti sentenza moghtija nulli u bla effett.

2) Minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, tiddikjara li bl-uzu li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-istqarrija tal-esponent gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu u konsegwentement taghti dawk ir-rimedji u provvedimenti li jidhirlha xierqa u opportuni.

3) Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg talbiet, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent mhux hati tat-tieni (2), tal-hames (5), tas-sitt (6), tat-tmien (8), tad-disgha (9), tal-hdax (11) tal-erbghatax (14), tal-hmistax (15) u tas-sbatax (17) l-imputazzjoni, thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent hati tat-tieni (2)( sic!), tat-tielet (3), tar-raba (4), tas-seba (7), tal-ghaxar (10) u tat-tnax(12) l-imputazzjoni u tikkonferma l-istess sentenza fejn instabet htija fir-rimanenti imputazzjonijiet u/jew alternattivament tvarja l-piena imposta.

Rat ir-rispota tal-Avukat Generali pprezentata seduta stante fejn fir-rigward tal-ewwel aggravju fil-fehma taghha din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda peres li jirrizulta li l-artikoli fuq liema l-ewwel Onorabbli Qorti sabet htija fil-konfront tal-appellant huma elenkati b'mod car li ma jhalli l-ebda dubju fuq liema artikolu instabet il-htija u ghalhekk tenut kont ukoll ir-rekiwiziti ad validitatem, li huma kollha prezenti fis-sentenza moghtija, tali sentenza m'ghandhiex tigi meqjusa bhala wahda nulla. Dan

ukoll meta wiehed iqis li l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti fl-ghoti tas-sentenza taghha huma elenkati u meqjusa b'mod dettaljat

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni u cioe dik tan-nullita sollevata mid-difiza u qablu li din il-Qorti ghandha l-ewwel tghati sentenza preliminari fuq dan-l-aggravju.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi minn qari tas-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jirrizulta li inghad is-segwenti: -

> *"Ghal dawn il-motivi kollha, filwaqt li **ma ssibx** lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet bin-numru **tnejn,** hamsa, sitta u tmienja, disgha, hdax, erbatax, hmistax u sbatax wara li rat l-artikoli 17, 31 95, **96,** 221(a) ( c ), 338 (bb), 338 (ee) 339 (1) € u 325 (1) (c) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, L-Artikolu 15 (1) (a) (2) (3) tal-kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta u r-regolament 75 ta SL 65.11 ( Avviz legali 128 tas-sena 1994) **issib** lil David John Calleja hati tal-ewwel, **it-tieni**, it-tielet, ir-raba, is-seba', l-ghaxar, it-tnax, it-tlettax u s-sittax l-imputazzjoni jiet u tikkundanah ….."*

L-**artikolu 382 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta hu artikolu importanti hafna peress li jinkopora fih ir-rekwiziti necessarji li ghandha jkollha sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. In fatti l-Artikolu 663 (5) jistabilixxi dak li ghandu jissemma fis-sommarju tas-sentenza u jghid li dak li jiddiposni l-artikolu 382 ghandu jkun presenti f'dan l-artikolu ukoll. Ghalhekk l-elementi li jinsabu f'dan l-artikolu huma elementi sine qua non ghall-validita ta' sentenza.

**L-artikolu 382 tal-Kap 9** jipprovdi x'ghandu jkun fiha sentenza tal-Qorti u appuntu jiddisponi s-segwenti: -

*"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena ussemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."*

Ghalhekk skond dan l-artikolu, il-Qorti ghandha issemmi b'mod partikolari meta qed taghti is-sentenza taghha:

(i) Il-fatti li tagħhom l-akkzuat ikun ġie misjub ħati.

(ii) Tagħti l-piena lill-hati u

(iii) Isemmi l-artikolu tal kodici jew kull rat iehor li johloq ir-reat.

Il-Qrati f'hafna okkazjonijiet stqarrew u insistew fuq l-importanza li jigi segwit dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap 9. Tant hu hekk li hemm numru ta' sentenzi li jipprovdu li nuqqas wiehed ta' xi formalita' f'wahda minn dawn it-tlett elementi fuqimfissra imwassla ghan-nullita ta' sentenza bhala risultat ta' difett fil-formalita'. Fi kliem iehor dawn ir-rekwiziti m'humiex semplci formalita izda rekwiziti necessarji ghall-validita tas-sentenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Azzoparti et</u>**[1] il-Qorti irriteniet li: -

> *"Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed ir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'".*

Jinghad ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mario Agius</u>**[2], gie ritenuto li: -

> *"in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali".*

[1] Vol.LXXXIII.1999 Part IV paġina 340

[2] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fit-3 ta Frar 1995

Dawn ir-rekwiziti huma alternattivi ghal xulxin u ghalhekk u sabiex sentenza tigi ddikjarata nulla m'hemmx lok li jkun hemm nuqqas f'kull rekwizit izda jekk jirrizulta li hemm nuqqas f'wiehed minn dawn ir-rekwiziti dan ikun bizzejjed sabiex is-sentenza tigi ddikajrata nulla. Ghalhekk peress li dawn iz-zewg rekwiziti msemmija fl-artikolu 382 ghandhom ikun prezenti f'kull decisjoni tal-Qorti, in-nuqqas ta' wahda minnhom, jammonta ghan-nuqqas ta' formalita' fis-sustanza u konsegwentement iwassal ghan-nullita tas-sentenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Zahra** il-Qorti irriteniet li:

> *"In-nuqqas ta' indikazzjoni tal-artikoli tal-ligi skont l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali sollevabbli mill-Qorti "ex officio" anke jekk l-appellant ma jilmentax min-nullita' tas-sentenza".*

Oltre dan fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Cutajar**[3], inghad b'mod car u univoku li: -

> *Illi l-artikolu hawn fuq imsemmi [referring to Article 382 of the Criminal Code] jaghmilha cara li l-artikolu tal-ligi ghandu jissemma. Dan mhux kaz ta' 'lapsus calami' izda dan hu kaz ta' nullita' tas-sentenza msemmija.*

Illi fil-kaz in desamina jidher bic-car li fil-parti ahharija taghha hemm dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' htija dwar it-tieni akkuza kif kontemplata fl-artikolu 96 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u fl-istess hin fl-istess paragrafu hemm dikajrazzjoni ta' htija u in oltre hemm ukoll citat l-artikolu li taghha instab hati. Dan jammonta ghal stat konfuzjonarju u zgur li ma jikkrejax certezza legali. Illi ma hemmx dritt li r-rikorrenti ghandu ragun jistqarr li ghandu dritt ikun jaf ta xhiex qed jinsab hati u ta xhiex gie liberat. Ma jistax ikun li fl-istess sentenza ikun zewg ipotezi djametrikament opposti ghal xulxin.

L-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Kokkinakis v. Greece** [4] fejn il-Qorti Ewropeja qalet li l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea joffri, dak li hija sejhet bhala

[3] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fit-17 ta' Gunju 2014.
[4] App 14307/88 (QEDB, 25 Mejju 1993).

"essential safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment" u spjegat illi: -

> *"Article 7 embodies the general principle that offences must be based in law, and that an individual must be able to know from the wording of the relevant provisions, and if need be, with the assistance of the court's interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable. (para. 52)"*

Illi f'dan il-kaz l-appellant ghandu ragun li ma jafx jekk isntabx hati tat-tieni akkzua jew le ghaliex anke il-pien aimpta hija wahda globali ghall-akkuzi kollha li instab hati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant fir-rikros tal-appell tieghu u thalli impregudikat l-aggravi l-ohra u in oltre tiddikjara li minhabba il-konfuzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni akkuza l-ewwel sentenza hija nulla, u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-kaz jigi trattat mill-gdid fil-mertu minn din l-Onorabbli Qorti wara li qed tpoggi lill-appellant *in status quo ante* qabel ma nghatat l-ewwel sentenza.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**